



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 27 ta' Mejju 2010 (31.05)
(OR. en)**

10090/10

LIMITE

FISC 48

NOTA

minn:	President tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta, il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Spanjola kif stabbilit fir-rapport tiegħu (dok. 10033/10 FISC 47);
- jitlob lill-Grupp biex ikompli jimmonitorja l-istatus quo u l-implimentazzjoni tat-tnaqqis, kif ukoll biex ikompli bil-ħidma skont il-Pakkett ta' Ħidma maqbul mill-Kunsill (ECOFIN) fil-5 ta' Diċembru 2008 (16410/08 FISC 174);
- sabiex jiffaċilita l-ħidma tal-Grupp bi promozzjoni tal-adozzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta f'pajjiżi terzi, jistieden lill-Kummissjoni tibda djalogu mal-Liechtenstein u l-Isvizzera dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji u l-kriterji tal-Kodiċi, u biex tagħmel rapport lill-Grupp tal-Kodiċi tal-Kondotta qabel it-tmiem tal-Presidenza Belġjana;
- jistieden lill-Grupp biex jirrapporta lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu qabel it-tmiem tal-Presidenza Belġjana.